MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Numru. 942/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**RICHARD MUSCAT ta' 21 sena, iben Mario u Fiona nee' Azzopardi, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10 ta' Dicembru, 1990, residenti Block D, Flat 13, Triq Bertha K.ILG, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 7391M;**
**U CARLO MUSCAT ta' 20 sena, iben Mario u Fiona nee' Azzopardi, imwieled Tal-Pieta' nhar is-7 ta' Frar, 1992, residenti fil-fond Block D, Flat 13, Triq Bertha K.ILG, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 106292M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Richard Muscat** u **Carlo Muscat** li gew akkuzati talli:

Nhar il-11 ta' Settembru, 2010, ghall-habta ta' 22.30hrs, gewwa l-fond Block D, Flat 15, Triq Bertha K.ILG, San Giljan, volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq bieb ghad-detriment ta' Francis Ebejer, liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' Francis Ebejer li ghalaq l-eta' ta' sittin sena, skond kif iccertifika Dr Marvin Cachia mill-Poliklinika tal-Furjana;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bi hsara ta' Francis Ebejer, ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tieghu;

U aktar talli hebbew ghal persuna ta' Francis Ebejer sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlu hsara lil din il-persuna;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bil-lejl, kisru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kisru l-Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn kienu gew misjuba hatja b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u liberati bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

U aktar talli rrendew ruhhom recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li moqrija l-istess ma’ l-interrogatorju, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-istess.

Rat ukoll li gie ezebit il-kunsens ghal proceduri sommarji (folio 6).

Rat ukoll li ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkkunsidrat:

Illi din il-kawza ticcentra dwar allegat incident li nqala’ bejn l-imputati u certu Francis Ebejer, kollha jghixu fl-istess blokka ta’ flats, dan minhabba muzika gholja.

Inqala’ ghalhekk disgwid bejn il-parte leza certu Francis Ebejer u l-imputati. Ta’ dan gew ezebiti certifikati medici taz-zewg imputati u ta’ Francis Ebejer. Dok TM 4 folio 18 huwa dak ta’ Francis Ebejer li juri li dan sofra abrazjoni fuq rasu, tbengila fuq imniehru u tlieta ohra fuq dirajgh. Dok TM5 huwa ta’ Richard Muscat a folio 14, isemmi li dan kellu haematoma fuq rasu, minkeb, u brix fuq minkbu. Dok TM6 huwa fil-konfront ta’ Karl Muscat li juri li kellu brix fi spallejh, idejh, u minkbu, u qtugh f’subajgh u minkbu (folio 15).

Dr Marvin Cachia fil-fatt ingab biex jikkonferma l-istess, cioe’ c-certifikat mahrug lil Francis Ebejer. Qal illi l-griehi minnu sofferti kienu maghmula minn blunt injury u li kif kien qallu l-istess vittma, dan kien gie aggredit minn xi persuna li kienet toqghod fil-blokka tieghu.

Minn naha tieghu Francis Ebejer xehed illi kellu wiehed minn uliedu l-Isptar, haditu ommu u hu kien id-dar mat-tlitt itfal ohra tieghu.

Qal illi minhabba li l-imputati kienu ghand nannithom u kienu qed idoqqu muzika gholja, hu mar ihabbtilhom. Qal illi nannithom tatu ragun, pero qal ukoll illi kienu maqfulin

gol-kamra. Qal illi hareg mill-gallarija u beda jaghti bil-lasta ta' l-ixkupa, cioe' tektkilhom fuq il-hgieg. Qal illi wiehed minnhom beda joffendih u jghidlu biex darb'ohra ma kellux ihabbatlu mal-hgiega. Xehed illi kien hawn illi hu kisser il-hgiega b'idejh  billi ta daqqa ta' ponn lill-hgiega. Qal illi mbaghad it-tnejn marru ghalih. Indika lil Karl Muscat bhala dak illi kisser il-hgiega. Biex dahlu ghalih xehed illi faqghulu l-bieb. Dwar id-daqqiet li sofra qal illi tawh anke b'lasta ta' xkupa. Dwar il-muzika xehed illi dawn ikunu ta' spiss ghand nannithom, u ta' spiss kien jigri l-incident tal-muzika, tant illi anke gieli kien intavola rapport l-Ghassa ta' San Giljan. Xehed ukoll dwar ghajjat li kien hemm fit-tarag.

In-nanna ta' l-imputati, certa Carmen Catania xehdet illi mar ihabbtilha certu Frans u qallha biex ibaxxu l-stereo ghax inkella kien ser ifarrak il-hgieg. Xehdet illi heddidhom. Marret u qalet lil Richard biex ibaxxilu. Hekk ghamel. Xehdet illi pero Richard irrabja ghax heddidhom. Qalet illi kellhom drinks go mohhhom. "B'hekk ghamlu li ghamlu." (folio 78) Pero mistoqsija x'ghamlu, wiegbet li rat lil Frans isawwat lil Richard. Mistoqsija minn kellu d-drinks go mohhu, wiegbet Richard u Karl. Mistoqsija x'ghamlu n-neputijiet taghha, xehdet illi ma kinitx taf ghax kienet baqghet gewwa, pero taf li Richard hareg. Rat lil Richard jissawwat, pero lil Richard ma ratu jaghmel xejn. Dwar Karl, qalet illi hi bdiet anke zzomm lil Karl biex ma johrogx, tant illi dan anke qalaghlha l-firroll minn postu biex hareg. Fil-fatt xehdet illi ma riditux johrog ghax kellu xi jghid ma' dan Frans. Dwar id-drinks, xehdet illi kienu qed idoqqu muzika gholja u li kienu qed jixorbu l-vodka.

Priscilla Attard ukoll kienet prezenti ghal dan l-incident flimkien ma' l-imputati. Ikkonfermat illi kienu ghand nannithom, u li kienu qed jixorbu l-vodka, hames tazzi biss fi kliemha. Dwar l-incident xehdet illi dan inqala' ghax kellhom is-surround full-on, ghalhekk ta' fuqhom nizel ihabbat. Rat lil ta' fuqhom ihabbat bl-squeezer fuq il-hgiega tal-kamra, u mbaghad inqala' l-panic kollu. Xehdet illi dan Frans nizel ghalihom u qabad jaghtihom bl-squeezer lil Karl; anke hareg bil-hadida ghal Richard. Lil Karl beda jaghtih bil-squeezer fuq dahru, skondtha.

Xehdet ukoll illi Richard u Karl telghu ghalih u bdew jghajtu u jiggieldu bl-idejn. Qalet illi x'hin habbat mal-bieb u qal lil nannithom biex ibaxxulu, dawn inharqu. Dwar il-kliem li semghet, qalet illi kien kliem hamallu. Rat lil Frans isawwathom bl-squeezer u mbaghad rat li huma telghu ghalih, pero ma missewhx. Mistoqsija jekk hargux b'xi haga f'idejhom, wiegbet illi ma hargu b'xejn. Rat biss squeezer f'idejn Frans.

Joanne Borg ukoll kienet fil-kamra ma' l-imputati. Xehdet illi semaghthom idoqqu s-sound, cioe' muzika li kienet ghaliha daqsxejn gholja. Kienet qed tiehu pjacir, pero bezghet ghaliex nizlu isfel u qabdet il-glieda, u xehdet illi l-imputati qabdu jaghtu lil Frans (folio 97).

Svetlana Gili wkoll xehdet illi kienet ghand l-imputati ma' shabha Prsicilla Attard u Joanne Borg. Hemm kienu qed idoqqu d-diski. Marret nannithom biex ibaxxulu ghax is-sound kien gholi (pero skondtha mhux gholi hafna, folio 166). Qalet illi mbaghad mar wiehed, Frans, illi beda jiggieled maghhom biex ibaxxulu. Xehdet illi anke beda jhabbtilhom mal-hgiega tal-kamra biex ibaxxulu. Ikkonfermat illi Ebejer qatt ma dahal fil-flat tan-nanna, u li l-glieda grat hdejn it-tarag. Semghet lill-imputati jidghu u anke semaghthom jghidu li kienu ser jaqbdu jaghtuh.

Xehdu wkoll diversi pulizija li marru jassistu fuq l-incident.

PS 157 Brian Mifsud xehed illi meta waslu fil-flats sab tifel ta' ghaxar snin jibki ghaliex xi hadd kien faqa' l-bieb tal-flats u sawwat lil missieru. Meta tela' fuq sab il-bieb ta' Ebejer maqlugh mic-caccis. Mill-flat 13 beda jisma' wkoll hafna ghajjat u nsulti gejjin, u hargu l-imputati minn hemm. Xehed illi dawn regghu marru biex jagredixxu lil Ebejer. Kellu jimbuttahom biex jerga' jdahhalhom fir-residenza, talab anke l-assistenza tal-Mobile. Semaghhom anke jheddu lil Ebejer bi kliem "Jien nigi u nxoqqok ja pufta." (folio 58).
Dwar il-hgiega miksura fil-flat ta' l-imputati, xehed illi l-hgieg miksur kien fuq barra, allura din tkissret minn gewwa. Anke fil-presenza tal-pulizija, allura dan xehed illi Karl Muscat rega' pprova jhebb ghal Ebejer.

PC 1144 George Vella, xehed ukoll illi fuq il-post sabu l-bieb ta’ Ebejer mifqugh, u x-xambrella miksura. Sema’ hafna storbju gej mill-flat t’isfel, theddid fil-konfront ta’ Ebejer, stedin ghall-glied. Anke sema’ dagha. Xehed illi dawn hargu ghalih u regghu hargu, nonostante li dahhluhom il-pulizija stess.
Dwar lasta ta’ xkupa, ikkonferma li fit-tarag huma u telghin ra lasta ta’ xkupa.

PS 524 Cassar xehed ukoll illi gew mitluba l-assistenza u marru fuq il-post ta’ l-incident. Meta waslu fl-appartamenti, xehed illi sabu zewg zghazagh jghajtu minn wara bieb. Shabu kienu qed izommu persuna naqra anzjana li kien ghadu kif jigi aggredit. Xehed illi dak li kellu jdejh bid-demm miz-zewg imputati rega’ tela’ ‘l fuq biex jagredixxi, dan ghax harbilhom. Dwar storbju xehed illi sema’ theddid u tghajjir, kliem bhal pufta u nxoqqu u hazin ghalih (folio 160).

Il-Perit Valerio Schembri, mahtur biex jaghmel valutazzjoni tad-danni sofferti fuq il-bieb, ikkonkluda illi dawn jammontaw ghal €235 (inkluz VAT).

Gew ezebiti wkoll l-istqarrijet ta’ l-imputati, Dok TM7 hija dik ta’ Richard Muscat fejn fiha ghazel illi ma jwiegeb ghal xejn hlief li ddikkjara li kien jiddispjacih ta’ dak li kien ghamel.
Carlo Muscat fl-istqarrija tieghu (Dok TM8), ukoll ghazel illi ma jirrispondix ghal ebda domanda li saritlu.

L-imputat Richard Muscat ghazel illi jixhed minn jeddu. Qal illi hu flimkien ma’ huh kienu ghand nannnithom idoqqu l-muzika u jixorbu. Hawn dahlet nannithom u qaltilhom biex ibaxxulu ghaliex Frans kien ser ikissrilhom il-hgieg kollu. Xehed illi nanntu dehret emozzjonata, bajda karti. Qal illi kieku dan qallu biex ibaxxilu biss ma kienx johodha hekk, imma li kellu drink go rasu. Qal illi mbaghad dan Frans beda jtektek bl-squeezer mal-hgieg. Qal illi dan Frans xaqqaq il-hgiega pero li kien huh li kissirha. Qal illi bdew joffendu lil xulxin. Qal illi bdew jistednuh ghall-glied

ghax ried ikissrilhom il-hgieg tad-dar. Baqa' nsistenti li hu ghamel hekk ghax kellu drink go rasu.

Xehed ukoll illi dan Frans hareg ghalihom b'hadida, tant illi lilu tah biha u ghamillu gundalla kbira go rasu, ma weggghux izjed ghax ghamillu headlock. Qal ukoll illi l-pulizija lil Frans ma fittxewx ghandu, ghalhekk ma sabux il-hadida. Nonostante c-certifikat ezebit fil-konfront tieghu, qal illi l-pulizija ma haduhx ghand tabib. Konfrontat in kontro ezami, qal illi ghadda z-zmien u kien fil-fatt nesa dan.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti in sostenn tar-recidiva, u l-verbal tad-Difiza fil-konfront ta' l-istess (folio 214).

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta b'mod car illi l-imputati kienu qed idoqqu muzika pjuttost gholja, u gew mitluba jbaxxu l-istess minn Francis Ebejer. Dan Ebejer anke tektkilhom bl-squeezer mal-hgiega biex jieqfu. Jidher illi dan bhala fatt anke aggrava s-sitwazzjoni, ghaliex waqt dan tkissret il-hgiega, mhux minn Ebejer, u sar diverbju bejn il-partijiet. Minn hawn 'l hemm ghal xi raguni l-imputati hargu mill-flat ta' nannithom u telghu fuq, ghand Ebejer, biex jaggreduh. Dan skond wiehed minnhom ghax hedded lil nannithom u ghax kienu xorbu.

Jirrizulta mic-certifikati ezebiti illi t-tlieta sofrew griehi. Jirrizulta wkoll illi tnejn zghazagh daru ghal bniedem anzjan u baqghu hekk jaggreduh, anke jekk verbalment, fil-presenza tal-pulizija. Hemm anke xhieda okulari li dawn iz-zewg imputati sawtu lil dan l-anzjan, anke pero li hu sawwat lilhom. Jirrizulta pero wkoll illi kienu dawn iz-zghazagh li telghu ghax-xih tant illi anke qalghulu l-bieb mic-caccis.

Illi ftit ghandha x'izzid izjed il-Qorti ma' dan kollu, hlief li ssibhom hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra

taghhom, u dan wara li rat l-Artikoli 325, 221, 49, 50, 17, u 13 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll ix-xhieda ta' Carmen Nygaard dwar id-diffikultajiet li sabet fil-konfront ta' l-imputati li frankament, nonostante l-ottimizmu taghha, xejn ma tat impressjoni tajba ta' dawn iz-zewg guvintur, li verament ghandhom bzonn l-ghajnuna, pero certament mhux ghall-iskapitu tas-socjeta'. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-fatt il-piena idonea hija wahda karcerarja effettiva ghal perjodu ta' sena(1), b'dan illi huma ghandhom, fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, jinghataw kull ghajnuna psikjatrika jew psikologika necessarja, skond kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Probation Officer;

Rat ukoll l-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputati ihallsu bejniethom l-ispejjez peritali ammontanti ghal €350.31.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------